# 2019 RAPPORT ANNWALI

# NAĦDMU FLIMKIEN GĦAL DRITTIJIET AKTAR B'SAĦĦITHOM

## SOMMARJU EŻEKUTTIV



edpb
European Data Protection Board

Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali tal-2019

# NAĦDMU FLIMKIEN GĦAL DRITTIJIET AKTAR B'SAĦĦITHOM



# Daħla

Il-missjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) hija li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Dan huwa minqux fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), li fetaħ il-bibien għal era ġdida ta' rispett għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

Il-GDPR mhuwiex biss ta' valur għaliex stabbilixxa qafas legali armonizzat għall-protezzjoni tad-data madwar iż-ŻEE — wieħed li wessa' u saħħaħ is-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data. Id-dħul fis-seħħ tal-GDPR qajjem kuxjenza akbar dwar id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, kemm fost l-individwi kif ukoll fost l-organiżazzjonijiet. Dan huwa aktar importanti minn qatt qabel, minħabba l-preżenza dejjem tikber ta' teknoloġiji dipendenti fuq id-data fi kważi kull aspett ta' ħajjitna.

Hekk kif qed noqorbu lejn it-tieni anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR, ninsab konvinta li l-kooperazzjoni bejn id-DPAs taż-ŻEE se tirriżulta fil-ħolqien ta' kultura ta' protezzjoni tad-data komuni. Għad fadal xi sfidi, iżda l-EDPB qed jaħdem fuq soluzzjonijiet biex jegħlibhom u biex jiżgura li l-kunċetti ewlenin tal-proċedura ta' kooperazzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti.

Bħala l-EDPB, aħna nikkontribwixxu għall-interpretazzjoni konsistenti tal-GDPR bl-adozzjoni ta' Linji Gwida u Opinjonijiet. Fl-2019, aħna adottajna ħames Linji Gwida ġodda dwar suġġetti bħall-privacy by design and default, u d-dritt li wieħed jintesa, kif ukoll żewġ Linji Gwida fl-aħħar verżjonijiet ta' wara l-konsultazzjoni. Aħna adottajna wkoll 16-il Opinjoni li jkopru, fost suġġetti oħra, il-Data Protection Impact Assessment, ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għall-kodiċi ta' korpi ta' monitoraġġ ta' kondotta, u l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR.

Dan kien possibbli grazzi għall-isforzi konsistenti tal-atturi kollha fi ħdan l-EDPB, kif ukoll il-kontribut u l-impenn akbar min-naħa tal-partijiet ikkonċernati tagħna permezz ta' avvenimenti, workshops u stħarriġ.

Hekk kif nistennew bil-ħerqa s-sena d-dieħla, inħossuna lesti li nindirizzaw il-punti pendenti fil-programm ta' ħidma ta' sentejn li ġejjin. Se nkomplu nadottaw linji gwida, biex nippromwovu l-kooperazzjoni fl-infurzar transkonfinali, u biex nagħtu pariri lil-leġiżlatur tal-UE dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.

Aktar u aktar pajjiżi barra l-UE qed jadottaw il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Meta jagħmlu dan, ħafna drabi jibbażaw il-leġiżlazzjoni tagħhom fuq il-prinċipji fundamentali tal-GDPR. Jien ninsab kunfidenti li, fil-futur qarib, se naraw li l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data ssir norma globali. Dan ser iservi bħala pedament għal flussi ta' data aktar siguri u trasparenti, kif ukoll aktar fiduċja fis-saltna tad-dritt.

**Andrea Jelinek**
**President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

# 2



# 2019: Ħarsa ġenerali

### 2.1. REGOLI TA' PROĊEDURA

Ir-Regoli ta' Proċedura (RtP), li jiddeskrivu r-regoli operattivi l-aktar importanti tal-EDPB, ġew adottati matul l-ewwel laqgħa plenarja fil-25 ta' Mejju 2018.

Fl-2019, l-EDPB adotta formulazzjoni riveduta għall-Artikoli 8, 10, 22 u 24 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti li għandhom jingħataw status ta' osservatur, proċeduri wara l-adozzjoni tal-Opinjonijiet, u proċeduri ta' votazzjoni matul il-laqgħat plenarji tal-EDPB.

L-EDPB adotta wkoll Artikolu 37 ġdid tar-Regoli ta' Proċedura li jistabbilixxi Kumitat ta' Superviżjoni Koordinata fil-kuntest tal-ipproċessar tad-data minn sistemi ta' informazzjoni kbar użati fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll mill-korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE.

Fl-2019, il-Kumitat kien responsabbli mis-superviżjoni koordinata tas-sistema IMI u l-Eurojust. Fl-2020, dan se jiġi estiż biex jinkludi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO). Fil-futur, kull superviżjoni koordinata ta' sistemi, korpi, uffiċċji u aġenziji kbar ta' informazzjoni tal-UE se titmexxa gradwalment lill-Kumitat.

### 2.2. IS-SEGRETARJAT TAL-EDPB

Is-Segretarjat tal-EDPB jiżgura li l-attivitajiet kollha tal-EDPB jikkonformaw mal-qafas legali applikabbli għall-EDPB bħala korp tal-UE u mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Huwa jfassal l-abbozz prinċipali għall-Opinjonijiet u d-Deċiżjonijiet dwar il-Konsistenza, u jservi ta' memorja istituzzjonali, li jiżgura l-konsistenza tad-dokumenti matul iż-żmien. Ir-rwol tas-Segretarjat tal-EDPB huwa wkoll li jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet ġusti u effettivi tal-EDPB u jaġixxi bħala portal





għal komunikazzjoni ċara u konsistenti.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' appoġġ tiegħu, is-Segretarjat tal-EDPB żviluppa soluzzjonijiet tal-IT biex jippermetti komunikazzjoni effettiva u sigura bejn il-membri tal-EDPB, inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).

Fl-2019, is-Segretarjat tal-EDPB organizza 11-il laqgħa plenarja u 90 laqgħa ta' sottogruppi ta' esperti. Is-sottogruppi ta' esperti differenti jiffokaw fuq oqsma speċifiċi ta' protezzjoni tad-data u jgħinu lill-EDPB fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

Fl-aħħar nett, is-Segretarjat tal-EDPB jassisti lill-President fit-tħejjija għall-laqgħat plenarji u jippresedihom, kif ukoll jgħin meta tkun se tagħmel diskors.

### 2.3. L-ATTIVITAJIET TAL-EDPB FL-2019

#### 2.3.1. Gwida Ġenerali

Fl-2019, l-EDPB adotta **ħames Linji Gwida ġodda** mmirati biex jiċċaraw il-firxa ta' dispożizzjonijiet skont il-GDPR. Il-linji Gwida adottati indirizzaw kodiċi ta' kondotta u korpi ta' monitoraġġ f'livell nazzjonali u Ewropew, kif ukoll li jiċċaraw l-ipproċessar ta' data personali taħt firxa ta' ċirkostanzi, prinċipalment matul il-forniment ta' servizzi online, permezz ta' apparat bil-vidjow, fuq il-prinċipji tad-Data Protection by design and Default, u relatati mad-dritt li wieħed jiġi minsi minn search engines.

Barra minn hekk, **tliet Linji Gwida** adottati fl-2018 ġew approvati mill-EDPB fil-forma finali tagħhom fl-2019, wara konsultazzjonijiet pubbliċi. Dawn il-Linji Gwida jiċċaraw il-kriterji ta' akkreditazzjoni u ta' ċertifikazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni territorjali deskritt fil-GDPR.

L-EDPB ħareġ ukoll rakkomandazzjoni dwar l-abbozz ta' lista ppreżentata mill-EDPS dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar li jirrikjedu Data Protection Impact Assessment (DPIA).

#### 2.3.2. Opinjonijiet ta' Konsistenza

Biex tiġi garantita l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntiera, l-EDPB joħroġ l-**Opinjonijiet ta' Konsistenza**. L-SA kompetenti għandha tagħti l-akbar konsiderazzjoni lill-opinjoni.

Fl-2019, l-EDPB adotta 16-il Opinjoni dwar il-Konsistenza. Tmienja minnhom kienu jikkonċernaw l-abbozzi tal-listi ppreżentati mill-SAs dwar operazzjonijiet ta' pproċessar li jeħtieġu DPIA, kif ukoll dawk eżentati minnha. Il-bqija tal-Opinjonijiet kienu jirrigwardaw trasferimenti ta' data personali bejn l-SAs Finanzjarji taż-ŻEE u dawk li mhumiex fiż-ŻEE u l-interazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-GDPR, kif ukoll l-iċċarar ta' Standard Contractual Clauses (SCCs), Binding Corporate Rules (BCRs), kompetenzi tal-SAs, u Kriterji ta' Akkreditazzjoni għal korpi ta' monitoraġġ.

L-EDPB jaġixxi wkoll bħala korp għar-riżoluzzjoni tat-tilwim u joħroġ **deċiżjonijiet vinkolanti**. Mill-25 ta' Mejju 2018, madankollu, l-ebda riżoluzzjoni ta' tilwim ma nbdiet. Dan jissuġġerixxi li, sal-lum, l-SAs kienu kapaċi jilħqu kunsens dwar il-każijiet transkonfinali attwali kollha.

#### 2.3.3. Konsultazzjoni leġiżlattiva

L-EDPB jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-data personali, inkluż l-adegwatezza tal-livell tal-protezzjoni tad-data f'pajjiżi terzi jew f'organiżazzjonijiet internazzjonali. Fl-2019, l-EDPB ħareġ rapporti dwar it-Tieni u t-Tielet Reviżjoni Annwali tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Privacy Shield UE-Stati Uniti, imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea biex tevalwa r-robustezza u l-implimentazzjoni prattika tagħha.

Barra minn hekk, l-EDPB ħareġ Opinjoni dwar l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi (CTR) u l-GDPR, mitlub mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ SANTE).

L-EDPB huwa wkoll soġġett għall-Artikolu 42 tar-Regolament 2018/1725 dwar il-konsultazzjoni leġiżlattiva. Dan jippermetti

lill-EDPS u lill-EDPB biex jikkoordinaw il-ħidma tagħhom bil-ħsieb li joħorġu **Opinjoni Konġunta**. Fl-2019, l-EDPB u l-EDPS adottaw Opinjoni Konġunta dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-data tal-Infrastruttura tas-Servizz Diġitali tas-Saħħa Elettronika. Din l-Opinjoni ngħatat ukoll wara t-talba tad-DĠ SANTE.

L-EDPB adotta wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, dikjarazzjoni dwar l-abbozz tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u ħareġ kontribuzzjoni dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-data tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità.

#### 2.3.4. Dokumenti oħra

Fl-2019, l-EDPB adotta **żewġ dikjarazzjonijiet**. L-ewwel waħda kienet tikkonċerna l-Att dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tal-Istati Uniti, wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-effetti negattivi tal-FATCA fuq iċ-ċittadini tal-UE. It-tieni waħda kienet dwar id-data personali matul il-kampanji politiċi, fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019 u ta' elezzjonijiet oħra li jseħħu madwar l-UE u lil hinn minnha.

Biex jindirizza kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data fil-każ ta' ebda ftehim dwar il-Brexit, l-EDPB adotta **żewġ noti ta' informazzjoni** dwar it-trasferiment ta' data miż-ŻEE lir-Renju Unit taħt il-GDPR,u dwar il-BCRs għall-kumpaniji fejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni tar-Renju Unit ikun Lead SA.

Wara talba li saret mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew, l-EDPB ħareġ ir-rapport tal-Kumitat LIBE dwar l-implimentazzjoni tal-GDPR, li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-GDPR li jkopri kemm il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kif ukoll is-sejbiet ta' konsistenza.

Fid-9 ta' Lulju 2019, il-President tal-EDPB appella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li kienet talbet tweġiba orali fil-Kawża C-311/18 (Facebook Ireland u Schrems).

### 2.4. KONSULTAZZJONIJIET

Wara l-adozzjoni preliminari tal-Linji Gwida, l-EDPB jorganizza **konsultazzjonijiet pubbliċi** biex il-partijiet interessati u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom u jipprovdu kontribut addizzjonali. Fl-2019, l-EDPB nieda ħames konsultazzjonijiet bħal dawn, rigward il-Linji Gwida tiegħu dwar il-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kriterji ta' Ċertifikazzjoni, l-ipproċessar ta' data personali f'servizzi online u apparat vidjow, Data Protection by Design and Default, u d-Dritt li wieħed Jintesa.

L-EDPB jorganizza **avvenimenti ta' partijiet interessati** biex jiġbor fehmiet dwar kwistjonijiet ewlenin u biex jinforma l-iżvilupp ta' gwida futura. Fl-2019, l-EDPB organiżża tliet avvenimenti bħal dawn iffukati fuq id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagamenti (PSD2), dwar il-kunċetti u r-responsabbiltajiet tal-kontrolluri u l-proċessuri, u dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

Bħala parti mir-rieżami annwali tal-attivitajiet tal-EDPB — stabbilit mill-Artikolu 71.2 tal-GDPR, l-EDPB wettaq **stħarriġ tal-partijiet ikkonċernati** għat-tieni sena konsekuttiva. L-istħarriġ, li ffoka fuq il-proċess ta' kontenut u adozzjoni tal-Linji Gwida tal-EDPB, kellu l-għan li jifhem sa liema punt il-partijiet interessati jsibu l-linji gwida utli u prattiċi fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR.

Dawk li wieġbu kienu jinkludu organiżazzjonijiet u kumpaniji individwali mis-setturi finanzjarji , bankarji u ta' assigurazzjoni, kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, teknoloġiji tal-informazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u ta' ħidma soċjali u drittijiet fundamentali. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu kienu bbażati fl-Ewropa, u aktar minn 60 % kienu rappreżentati ta' entitajiet żgħar.

64 % tal-partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fl-istħarriġ sabu li l-Linji Gwida kienu utli, filwaqt li 46 fil-mija qisuhom pragmatiċi biżżejjed. Kważi 80 fil-mija sabu li l-Linji Gwida kienu faċilment aċċessibbli; dan żdied minn 64 % fl-2018. Rispons pożittiv ieħor irrefera għall-eżempji u l-applikabilità wiesgħa tal-Linji Gwida li jipprevjenu l-frammentazzjoni nazzjonali.

Dawk li wieġbu ħeġġew aktar xogħol interpretattiv biex jiċċaraw, fost affarijiet oħra, ir-relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur u l-bażi legali ta' interess leġittimu. Il-konformità mal-GDPR għall-SMEs għadha sfida, iżda l-partijiet ikkonċernati nnutaw li l-Linji Gwida tal-EDPB huma għodda utli biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni tiegħu. Kollox ma' kollox, 40 % tal-





partijiet interessati kklassifikaw il-proċess konsultattiv li jvarja minn wieħed xieraq għal sodisfaċenti.

### 2.5. ATTIVITAJIET TA' AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI FL-2019

Skont il-GDPR, l-SAs tal-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi jiġu protetti b'mod konsistenti fiż-ŻEE kollha. Kompitu wieħed għall-SAs huwa li jassistu lil xulxin u jikkoordinaw it-teħid ta' deċiżjonijiet f'każijiet ta' protezzjoni tad-data transfruntiera.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, l-SAs identifikaw ċerti sfidi meta jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza. B'mod partikolari, instab li t-taħlita ta' liġijiet proċedurali nazzjonali kellhom impatt fuq il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, minħabba differenzi fil-proċeduri tat-trattament tal-ilmenti, il-pożizzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti, il-kriterji ta' ammissibbiltà, it-tul tal-proċedimenti, l-iskadenzi, eċċ.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni effettiva mill-SAs tas-setgħat u l-kompiti attribwiti lilhom mill-GDPR tiddependi ħafna mir-riżorsi li għandhom disponibbli. Dan japplika b'mod partikolari għall-mekkaniżmu One-Stop-Shop (OSS), li s-suċċess tiegħu jiddependi fuq iż-żmien u l-isforz li l-SAs jistgħu jiddedikaw għal każijiet individwali u l-kooperazzjoni.

Minkejja dawn l-isfidi, l-EDPB huwa konvint li l-kooperazzjoni bejn l-SAs se tirriżulta f'kultura ta' protezzjoni tad-data komuni u prattiki ta' monitoraġġ konsistenti. Sett uniku ta' regoli wera li huwa ta' vantaġġ għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data fiż-ŻEE, peress li ġab ċertezza legali akbar. Kien ta' benefiċċju wkoll għal individwi li raw id-drittijiet tagħhom tas-suġġetti msaħħa.

Sa mid-dħul fis-seħħ tal-GDPR, kien hemm 807 proċeduri ta' kooperazzjoni transfruntiera fis-sistema tal-IMI, li minnhom 585 każ inbdew fl-2019. Minn dawn il-proċeduri ta' kooperazzjoni transfruntiera, 425 irriżultaw minn ilment, filwaqt li l-bqija oriġinaw minn sorsi oħra, bħal investigazzjonijiet, obbligi legali jew rapporti tal-midja.

Il-**mekkaniżmu tal-OSS** jitlob kooperazzjoni bejn l-Awtorità Superviżorja Responsabbli (LSA) u l-Awtoritajiet Superviżorji Kkonċernati (CSAs). L-LSA tmexxi l-investigazzjoni u għandha rwol ewlieni fil-proċess biex jintlaħaq kunsens bejn is-CSAs, minbarra li taħdem biex tilħaq deċiżjoni koordinata rigward il-kontrollur jew il-proċessur tad-dejta. Sa tmiem l-2019, inbdew 142 proċedura tal-OSS minn SAs, li minnhom 79 irriżultaw f'deċiżjoni finali.

Il-**proċedura ta' assistenza reċiproka** tippermetti lill-SAs jitolbu informazzjoni minn SAs oħra jew li jitolbu miżuri oħra għal kooperazzjoni effettiva, bħal awtorizzazzjonijiet jew investigazzjonijiet minn qabel. Mill-25 ta' Mejju 2018, ġew attivati 2,542 proċedura ta' assistenza reċiproka. Minn dawn il-proċeduri, il-maġġoranza assoluta (2,427) kienu proċeduri ta' konsultazzjoni informali, filwaqt li 115 kienu talbiet formali.

Fl-2019, ma twettqet l-ebda **operazzjoni konġunta** mill-SAs.

Skont il-GDPR, l-SAs nazzjonali għandhom miżuri korrettivi differenti għad-dispożizzjoni tagħhom. Fl-2019, l-SAs identifikaw **numru ta' ksur tal-GDPR** u eżerċitaw is-setgħat korrettivi tagħhom skont dan.

Il-ksur kien jinkludi n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet bħall-privacy by design and default, id-dritt għall-aċċess jew id-dritt għat-tħassir. Ħafna każijiet enfasizzaw nuqqas ta' miżuri tekniċi u organiżattivi xierqa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data, li wasslet għal ksur tad-data.  Diversi inċidenti sinifikanti involvew l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data, bħal opinjonijiet politiċi, informazzjoni ta' kreditu jew data bijometrika. L-entitajiet immultati kienu kemm mis-settur privat kif ukoll minn dak pubbliku.



3



# L-għanijiet ewlenin għall-2020

Sa tmiem l-2019, nofs triq tal-pjan ta' ħidma tiegħu, l-EDPB kien għamel progress sinifikanti fl-għanijiet iddikjarati tiegħu u qed javvanza lejn it-tlestija tagħhom fit-tieni sena ta' ħidma tiegħu.

Fl-2020, l-EDPB se jkollu l-għan li jipprovdi gwida dwar il-kontrolluri tad-data u l-proċessuri, id-drittijiet tas-suġġett tad-data u l-kunċett ta' interess leġittimu. Se jintensifika wkoll il-ħidma tiegħu fil-kuntest ta' teknoloġiji avvanzati, bħal vetturi konnessi, il-blockchain, l-intelliġenza artifiċjali, u l-assistenti diġitali.

L-EDPB se jkompli jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet bħal talbiet transfruntiera tal-aċċess għad-data għall-evidenza elettronika, ir-reviżjoni jew l-addozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza għat-trasferiment ta' data lejn pajjiżi terzi u r-reviżjoni possibbli tal-ftehim bejn l-UE u l-Kanada dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record).

Minbarra l-ħidma deskritta fil-qosor fil-pjan ta' ħidma, fl-2020, l-EDPB għandu jipprovdi gwida dwar l-implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-data fil-kuntest tal-glieda kontra l-COVID-19, kemm fuq inizjattiva tiegħu stess kif ukoll fuq konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

L-EDPB huwa impenjat ukoll li japprofondixxi r-relazzjonijiet







eżistenti tal-partijiet ikkonċernati u li jiżviluppa oħrajn ġodda. Il-membri tal-EDPB, kif ukoll il-President u l-Viċi Presidenti tal-EDPB, se jkomplu jipparteċipaw f'konferenzi rilevanti u f'inkarigi ta' diskorsi.

Is-Segretarjat tal-EDPB se jkompli jiżgura approċċ ta' komunikazzjoni armonizzat. Dan jinkludi li jkompli jixpruna l-involviment pubbliku fl-attivitajiet tal-EDPB permezz tal-preżenza tiegħu fil-midja soċjali, kif ukoll itejjeb il-kooperazzjoni mal-SAs. Għal dan il-għan, l-EDPB se jżomm u jsaħħaħ in-netwerk tal-uffiċjali tal-istampa u tal-komunikazzjoni tal-SAs.

# Id-dettalji ta’ kuntatt


**Indirizz postali:**
Rue Wiertz 60, B-1047 Brussels, Belgium

**Indirizz tal-uffiċċju:**
Rue Montoyer 30, B-1000 Brussels, Belgium

**Email:**
edpb@edpb.europa.eu

@eu_edpb
eu-edpb
edpb.europa.eu


European Data Protection Board